



KUNSILL TA'  
L-UNJONI EWROPEA

Brussell, 27 ta' Settembru 2007 (28.09)  
(OR. en)

9564/1/07  
REV 1

LIMITE

PV/CONS 22  
AGRI 154  
PECHE 146

**ABBOZZ TA' MINUTI<sup>1</sup>**

Suġġett: L-2793 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (**AGRIKOLTURA U SAJD**), li saret fil-Lussemburgo fis-16 ta' April 2007

<sup>1</sup> Informazzjoni relatata ma' l-adozzjoni finali ta' l-atti tal-Kunsill li tista' tinħareġ għall-pubbliku tinsab fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

## **KONTENUT**

### **Paġna**

1.	Adozzjoni ta' l-aġenda .....	3
2.	Approvazzjoni tal-lista tal-punti "A" .....	3
3.	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-ħażna tas-sallura Ewropea.....	3
4.	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli spċċifici dwar is-settur tal-frott u l-ħxejjex u li jemenda ċerti Regolamenti .....	4
5.	Rapport dwar l-applikazzjoni tal-kondizzjonalità.....	4
6.	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-ħażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk il-ħażniet.....	5
7.	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, u lill-Parlament Ewropew "Pjan ta' Azzjoni 2006-2008 għas-simplifikar u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd".....	6
8.	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew "Tnedija ta' dibattitu dwar approċċ Komunitarju lejn skemi ta' tikkettar ekoloġiku għall-prodotti tas-sajd" .....	7
9.	Affarijiet oħrajn	
(a)	Negozjati WTO-DDA .....	8
(b)	Influwenza avjarja (H5N1).....	8
(c)	Negozjati Veterinarji bejn il-KE u l-Federazzjoni Russa.....	8
(d)	Il-possibbiltajiet għat-tiġi tal-fiduċja ta' l-awtoritajiet u tal-konsumaturi fil-maniġġar u l-ipproċċesar ulterjuri ta' prodotti agrikoli, inkluż it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi .....	9
(e)	Definizzjoni ta' vodka.....	9
(f)	Negozjati tal-Ftehim ta' Šhubija Ekonomika mal-pajjiżi AKP .....	9
(g)	Organizzazzjoni tal-ħidma futura .....	10
(h)	Ġestjoni ta' l-inċova fil-Bajja ta' Biskaja .....	10

o

o o

**1. Adozzjoni ta' l-aġenda**

8181/07 OJ CONS 19 AGRI 109 PECHE 93

Il-Kunsill adotta l-aġenda ta' hawn fuq, waqt li żied il-punt li ġej taħt "Affarijiet Oħra":

"(h) Ġestjoni ta' l-inċova fil-Bajja ta' Biskaja".

**2. Approvazzjoni tal-lista tal-punti "A"**

8307/07 PTS A 15

Il-Kunsill approva l-punti "A" elenkti fid-dokument 8307/07.

Informazzjoni relatata mal-punti 20, 23, 24, 25 u 26 fil-lista hi mniżżla fl-Addendum 1 għal dawn il-minuti.

Id-dokumenti fil-punti 16 u 25 għandhom jaqraw kif ġej:

**Punt 16:** 7999/07 COSDP 259 COPOL 3 CIVCOM 160

+ **COR 1**

**6467/1/07 REV 1 COSDP 133 COPOL 1 CIVCOM 80**

**Punt 25:** PE-CONS 3679/06 UD 127 CODEC 1390

+ COR 1 (mt)

+ COR 2 (nl)

+ REV 1 (fi)

+ REV 2 (lt)

+ **REV 3 (hu)**

+ **REV 4 (lt)**

7892/07 CODEC 285 UD 36

**3. Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-ħażna tas-sallura Ewropea**

(Bażi legali: l-Artikolu 37 tat-Trattat)

- **Qbil Politiku**

13139/05 PECH 203

8118/07 PECH 91

8293/07 PECH 99

Il-Kunsill ta struzzjonijiet lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex ifitdex soluzzjoni għall-kwistjonijiet pendenti bil-ħsieb li jintlaħaq qbil politiku dwar il-proposta f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**4. Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli spċifici dwar is-settur tal-frott u l-ħxejjex u li jemenda ċerti Regolamenti**

- **Dibattitu politiku**

5572/07 AGRIORG 1 AGRIFIN 3

7898/07 AGRIORG 25 AGRIFIN 29

8204/07 AGRIORG 30 AGRIFIN 34

Il-Kunsill kelly dibattitu politiku kostruttiv, ibbażat fuq il-kwestjonarju tal-Presidenza li jinsab fi 8204/07, dwar żewġ kwistjonijiet ewlenin: il-firda proposta ta' l-għajnuna għall-ipproċessar għall-frott u l-ħxejjex u l-ġestjoni tal-kriżiżiet proposta bħala waħda mill-miżuri fil-programmi operattivi ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

Il-Kunsill innota l-fehmiet li esprimew id-delegazzjonijiet, kif ukoll it-tweġibet li ngħataw mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill stieden lill-korpi preparatorji tiegħu biex ikomplu l-eżami tal-proposta bil-ħsieb li jiġi ppreżentat test għall-qbil politiku tal-Kunsill f'Għanju.

**5. Rapport dwar l-applikazzjoni tal-kondizzjonalità**  
- Presentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mir-rappreżentant tal-Kummissjoni tar-Rapport dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' kondizzjonalità u ta' l-impenn tal-Kummissjoni biex tippreżenta l-abbozz tal-miżuri identifikati minnha matul l-2007.

Il-Kunsill ħa nota wkoll ta' l-intenzjonijiet tal-Presidenza għad-diskussjoni tar-Rapport f'Mejju bil-ħsieb li f'Ġunju jitfasslu konklużjonijiet dwar il-passi li jmiss jittieħdu.

**6. Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabilixxi pjan pluriennali għall-ħażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd lijisfrutta dawk il-ħażniet**  
**(Bażi legali: l-Artikolu 37 tat-Trattat)**  
- Dibattitu politiku  
11984/06 PECH 238  
7570/07 PECH 69

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-ħażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku abbażi ta' kwestjonarju tal-Presidenza (7570/07 PECH 69) sabiex jipprovdi l-linji gwida meħtieġa għall-ħidma li jmiss.

Il-Ministri ffokaw id-dibattitu tagħhom fuq l-objettivi ġeneralji tal-pjan pluriennali għall-irkupru tal-merluzz fil-Baltiku, fuq l-għażliet differenti ta' ġestjoni ta' sforz u dispożizzjonijiet ta' kontroll assoċjati u fuq kif jittieħed kont suffiċjenti tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' sajd fuq skala żgħira.

Il-Kunsill innota l-appoġġ ġeneralji għall-objettivi tal-pjan.

Rigward it-tip ta' ġestjoni ta' sforz u ta' dispożizzjonijiet ta' kontroll, issemmew diversi kwistjonijiet, fosthom l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Baltiku (RAC), il-ġlieda kontra s-sajd illegali, il-ħtieġa għal reviżjoni tar-referenza tal-bijomassa u r-referenza li għandha ssir għar-regolament dwar il-ġurnal elettroniku ta' abbord. Fir-rigward ta' sajd fuq skala żgħira,  
il-Kunsill ħa nota tat-talba unanima biex is-sistema ssir flessibbli u sempliċi, b'konsiderazzjoni tas-sigurtà fuq ix-xogħol, il-ġranet fuq il-baħar jew l-għeluq tas-sajf frabta mal-bijoloġija tal-merluzz tal-Baltiku bħala mezzi sempliċi ta' kontroll u b'kont meħud tal-prinċipju li ma jinħoloqx piż mhux meħtieġ kemm għas-sajjeda kif ukoll għall-awtoritajiet ta' kontroll.

Il-Kunsill ta mandat lill-korpi preparatorji tal-Kunsill biex ikomplu l-eżami tal-proposta, bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tagħha f'Ġunju, soġġett għal u sakemm tingħata l-opinjoni tal-Parlament Ewropew.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni laqa' l-appoġġ wiesa' għall-objettivi u indika li l-Kummissjoni ser tikkoopera mal-Presidenza biex tinkiseb l-adozzjoni tar-Regolament propost fl-iskeda ta' żmien proposita.

7. **Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, u lill-Parlament Ewropew**  
**"Pjan ta' Azzjoni 2006-2008 għas-simplifikar u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd"**
- **Informazzjoni mill-Kummissjoni**  
15613/05 PECH 277  
+ REV 1 (es, fi, cs, hu)
  - 7571/07 PECH 70  
+ COR 2

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ta rapport verbali lill-Kunsill dwar il-progress fis-simplifikar u t-titjib tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) minn Novembru 2006. Huwa enfasizza l-progress tajjeb li nkiseb dan l-aħħar fil-frontloading tat-TACs u l-Kwoti u dwar il-qsim tal-proposti leġislattivi. Huwa żied jgħid li huwa mistenni aktar progress sostanzjali qabel l-aħħar tas-sena, partikolarmen fl-oqsma ta' kontroll u monitoraġġ. Dawn l-inizjattivi huma mmirati li jnaqqsu l-piżżejjiet amministrattivi u finanzjarji assoċjati ma' l-implimentazzjoni tal-PKS.

Il-Presidenza laqgħet ir-reviżjoni regolari tal-Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill ħa nota tar-rapport u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni matul il-Presidenza Portugiża.

**8. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Tnedija ta' dibattitu dwar approċċ Komunitarju lejn skemi ta' tikkettar ekoloġiku għall-prodotti tas-sajd"**

- Skambju ta' fehmiet

10822/05 PECH 138

7573/07 PECH 72

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ddeskriva l-istat attwali tad-dibattitu s'issa dwar l-iskemi ta' tikkettar ekoloġiku. Huwa nnota li l-biċċa l-kbira ta' l-opinjonijiet kienu jixxiebhu fl-appoġġ ta' l-objettivi proposti u l-prinċipji prinċipali, u żied jgħid li l-kwistjoni ta' sostenibbiltà kienet fil-qalba tad-dibattitu. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tiffinalizza r-rapport ta' l-għeluq matul l-ewwel semestru ta' l-2007 u, sussegwentement, tista' tippreżenta proposta leġislattiva akkumpanjata minn valutazzjoni sħiħa ta' l-impatt.

Il-Kunsill kelle skambju ta' fehmiet dwar l-iskemi ta' tikkettar ekoloġiku abbażi ta' tliet mistoqsijiet li kienu fil-kwestjonarju tal-Presidenza (7537/07)<sup>1</sup>. Kien hemm kunsens ġenerali fost id-delegazzjonijiet favur l-istabbiliment ta' ħtiġiet minimi għal skemi volontarji ta' tikkettar ekoloġiku (għażla 3) abbażi tal-kriterji elenkti fil-mistoqsija 2. Diversi delegazzjonijiet issuġġerew iż-żieda ta' kriterji ċari u oġġettivi rigward il-prattiki tas-sajd, il-kwalità tal-ħut, kif ukoll li jiġu żgurati t-träċċabbiltà, il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kummerċ u spejjeż ta' konformità baxxi. Fir-rigward tal-valur miżjud mistenni mill-iskemi ta' tikkettar ekoloġiku, xi delegazzjonijiet semmew sajd aktar sostenibbli u prattiki tas-sajd imtejba, informazzjoni u fiduċja aħjar tal-konsumatur, u kwalità għolja tal-ħut.

<sup>1</sup> Xi delegazzjonijiet ressqu kummenti bil-miktub għall-kwestjonarju tal-Presidenza. Dawn il-kummenti jinsabu fi 8336/07 + ADD 1 - ADD 3.

## **9. Affarijiet oħrajn**

- (a) Negozjati WTO-DDA**  
- Sitwazzjoni Attwali

Il-Kunsill ħa nota ta' l-aġġornament li tat ir-rappreżentant tal-Kummissjoni dwar l-aħħar stat attwali fin-negozjati WTO-DDA u ta' l-insistenza tagħha li kwaunkwe offerta ġidha mill-UE dwar l-agrikoltura lil hinn minn dik li saret f'Ottubru 2005 kienet dipendenti fuq mossi ċari mill-imsieħba kummerċjali prinċipali ta' l-UE fid-WTO.

- (b) Influwenza avjarja (H5N1)**  
- Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota ta' l-informazzjoni bil-miktub dwar l-influwenza avjarja pprovduta mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

- (c) Negozjati Veterinarji bejn il-KE u l-Federazzjoni Russa**  
- Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota ta' l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant tal-Kummissjoni dwar l-aħħar żviluppi fin-negozjati fil-qasam veterinarju bejn il-KE u l-Federazzjoni Russa, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-embargo Russu fuq ċerti prodotti Pollakki.

- (d) Il-possibbiltajiet għat-tisħiħ tal-fiduċja ta' l-awtoritajiet u tal-konsumaturi fil-maniġġar u l-ipproċessar ulterjuri ta' prodotti agrikoli, inkluż it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi

- **Talba mid-delegazzjoni Daniża**  
8294/07 AGRILEG 47

Il-Kunsill ħa nota ta' l-informazzjoni pprovdu mid-delegazzjoni Daniża li ssejjaħ għall-appoġġ ta' l-Istati Membri għall-promozzjoni ta' standards volontarji għat-trattament xieraq ta' l-annimali u l-kwalità tal-prodotti li jmorru lil hinn mill-ħtiġiet minimi tal-leġislazzjoni tal-KE, b'attenzjoni partikolari għat-trasport ta' l-annimali minn naħħa għall-oħra tal-fruntieri esterni ta' l-UE.

- (e) **Definizzjoni ta' vodka**

- **Talba mid-delegazzjoni Pollakka**  
8420/07 AGRIORG 3

Il-Kunsill ħa nota tat-ħassib tal-Polonja dwar id-definizzjoni ta' vodka li qed tiġi diskussa mill-Kunsill fil-kuntest ta' negozjati dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorġ spirituż.

- (f) **Negozjati tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika mal-pajjiżi AKP**

- **Talba mid-delegazzjoni Franċiża**  
8410/07 AGR 111 ACP 52

Il-Kunsill ħa nota tat-ħassib li esprimiet id-delegazzjoni Franċiża, appoġġjata mill-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, l-Italja, Ċipru, l-Awstrija, il-Polonja u l-Portugall, dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tiftaħ is-suq Komunitarju għall-prodotti kollha mill-pajjiżi AKP mingħajr dazji doganali jew restrizzjonijiet ta' kwoti mid-dħul fis-seħħħ tal-Ftehim ta' Sħubija Ewropej fl-1 ta' Jannar 2008 u b'mod partikolari dwar il-konsegwenzi fuq is-CMOs tal-banana u taz-zokkor, kif ukoll l-impatt negattiv ta' din l-offerta fuq il-pożizzjoni ta' negozjar ta' l-UE fid-WTO u fit-tilwima attwali dwar ir-rata MFN għall-banana.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, appoġġjat mid-delegazzjonijiet ta' l-Isvezja u r-Renju Unit, fakkar fil-ħtieġa li tiġi rispettata l-iskeda ta' żmien biex ikun hemm konformità mar-regoli tad-WTO.

**(g) Organizzazzjoni tal-ħidma futura**

Il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Agrikoltura u s-Sajd ser issir fī Brussell fis-7 u t-8 ta' Mejju.

**(h) Ġestjoni ta' l-inċova fil-Bajja ta' Biskaja**

Spanja fakkret fil-ftehim f'Diċembru 2006 dwar is-sajd għall-inċova fl-2007 u Franza irrispondiet li l-ftehim ser jiġi implementat dalwaqt.

Il-Kunsill ħa nota.

---